MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2007

Citazzjoni Numru. 133/2006

**A B**
**vs**
**L-Avukat Dottor Beppe Fenech Adami u l-Prokuratur Legali Veronica Rossignaud nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti C D B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

Illi hu zzewweg lill-intimata fit-24 ta’ Lulju 1979 u minn dan iz-zwieg kien hemm tfal E ta’ sbatax (17) –il sena u F ta’ wiehed u ghoxrin (21) sena;

Illi xi zmien wara z-zwieg l-intimata telqet minn Malta u abbandunat iz-zwieg u dan minghajr ebda pre-avviz u hadet it-tfal maghha;

Illi jidher car illi l-intimata qatt ma kellha hsieb sabiex tibqa' Malta u bhala fatt r-rikorrenti illum ma jafx fejn hi;

Illi r-rikorrenti gie awtorizzat sabiex jipprocedi ghas-separazzjoni personali;

Tghid ghalhekk l-intimata ghaliex din l-Onorabbli Qorti m' ghandhiex tiddiciedi u tordna billi:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet;

2. Tordna illi l-intimata hija hatja tal-firda ghal wahda mir-ragunijiet imsemmija fil-Kodici Civili u ghalhekk ghandha titlef a bazi tal-istess Kodici Civili il-jeddijiet imsemmija fl-artiklu 631, 633, 825, 826 u 827 kif ukoll dan kollu li tkun kisbet mill-parti l-ohra b' donazzjoni bi hsieb taz-zwieg jew waqt iz-zwieg jew taht titolu iehor gratwit kif ukoll kull jedd ta' parti miz-zwieg ghan-nofs ta' akkwisti li jkunu saru l-aktar bil-hidma tal-parti l-ohra wara data stabbilita mill-Qorti bhala data meta l-parti l-ohra ghandha tkun kkunsidrata li minnha tkun hatja tal-firda;

3. Tinnomina Nutar biex jippublika l-att opportun u kuratur biex jidher ghall-eventwali kontumacja.

Bl-ispejjes kontra l-intimata li hija ngunta ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati li biha rrispondew li huma m' humiex edotti mill-fatti li taw lok ghar-rikors;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet il-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob is-separazzjoni personali minn ma' martu l-konvenuta assenti minhabba ragunijiet imputabbli lilha fit-termini ta' l-artikolu 41 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi mill-provi jirrizulta nkontestat li l-attur, cittadin malti, izzewweg lill-konvenuta assenti, cittadina irlandiza, fl-24 ta' Lulju 1979 u minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal li llum huma maggjorenni.

Illi l-attur jghid li wara li l-konjugi ghamlu zmien jghixu l-Irlanda, huma gew lura Malta u waqqfu negozju tad-diving hawnhekk.

Illi fis-19 ta' Frar 1996 il-konvenuta abbandunat id-dar konjugali u telqet lejn l-Ingilterra. Fi kliem l-attur "wara jumejn il-mara cemplitli u nfurmatni li qedghin l-Ingilterra, qaltli li jiena ragel tajjeb u li hi ma ghandha xejn kontra tieghi, pero trid l-indipendenza, u qaltli sabiex ma nigrix warajha." [fol.19]

Illi wara li l-partijiet kienu gew Malta, l-attur fil-25 ta' Ottubru 1989 xtara l-fond bl-isem **"Dar Romina" fi Triq Mater Boni Consigli, il-Fgura** versu l-prezz ta' Lm14,000, permezz ta' kuntratt ta' "self u bejgh". Sussegwentement permezz ta' zewg kuntratti ta' kompravendita, il-partijiet xtraw il-garage bl-isem "**Croyden" fi Triq il-Qaliet, Marsascala** li huwa stmat fl-ammont ta' Lm25,000.

Illi l-attur jghid li l-komunjoni ta' l-akkwisti ghandha debiti ta' Lm18,000 rapprezentanti bilanc tal-loan li l-partijiet kienu hadu biex xtraw is-sehem tal-partner l-iehor fin-negozju, u dejn ta' Lm10,000 li skond, l-attur, thalla minn martu meta dina kienet tamministra n-negozju hi.

Huwa ghalhekk qed jitlob li s-sehem tal-konvenuta assenti, anke peress li hi l-parti hatja ghas-separazzjoni, jigi assenjat lilu, sabiex jaghmel tajjeb ghad-dejn kollu gravanti l-komunjoni ta' l-akkwisti.

Illi din il-Qorti, mill-fatti mhux kontestati kif esposti mill-attur, hija tal-fehma li f' dan il-kaz jrrizulta l-abbandun da parti tal-konvenuta assenti kontemplat fl-artikolu 41 tal-Kap.16, stante li jirrizulta li l-konvenuta abbandunat id-dar

konjugali ghal zmien sentejn u aktar, u dan minghajr raguni valida.

Ghaldaqstant it-talbiet attrici jimmeritaw li jigu milqugha.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi:

[1] tilqa' l-ewwel talba u tippronunzja s-separazzjoni personali ghall-htija unikament attribwibbli lill-konvenuta assenti fit-termini ta' l-artikolu precitat;

[2] tilqa' t-tieni talba; u tapplika fil-konfront tal-konvenuta assenti d-dispost ta' l-artikolu 48[1] Kap.16 fl-intier tieghu; u tordna x-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti, u tassenja s-sehem tal-konvenuta fil-komunjoni lill-attur li minn naha tieghu ghandhu jaghmel tajjeb ghad-dejn kollu gravanti l-istess komunjoni ta' l-akkwisti; u ghalhekk iz-zewg fondi fuq indikati, u cioe' il-fond maghruf bl-isem "Dar Romina" u l-fond bl-isem "Croyden" qed jigu assenjati lill-attur fl-intier taghhom;

[3] tichad it-tielet talba stante li ma hemmx lokha fic-cirkostanzi.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati mill-konvenuta assenti, izda dawk relattivi ghall-kuraturi deputati ghandhom provvizorjament jithallsu mill-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------